MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2010

Numru 191/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Rennie Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **Rennie Cutajar** bin John u Mary nee' Carabott, imwieled Pieta' fit-2 ta' Marzu, 1990, l-ahhar residenza maghrufha YMCA Hostel, 182, Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 164190M;

Talli bejn is-19:15hrs tas-26 ta' Frar, 2010 u l-10:45hrs tas-27 ta' Frar, 2010 f'dawn il-gzejjerm, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Ghin il-harba ta’ Erma Linda Mamo jew kien komplici fiha u dan bi ksur ta’ Art. 156 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement, laqa’ ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa’ghandu lil Erma Linda Mamo, persuna li kontra taghha kien hem ordni ta’ arrest u li l-Pulizija Esekuttiva kienet qed tfittex wara li harbet wara li kienet giet arrestata ghal reat u dan bi ksur ta’ Art. 158 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat u cioe’ radio VHF tal-marka Motorola u dan bi ksur ta’ Art. 334 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli 156, 154 u 158, 334 tal-Kap 9;

Stante li l-imputat huwa *first offender,* minflok li tikkundannah qeghda tqieghdu taht il-harsien ta’ ufficcjal tal-probation ghal zmien tlett (3) mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

Tordna ukoll li dan il-process jintbaghat lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------